# It-Tmenin Sena mill-miġja tad-Driegħ ta' San Franġisk Saverju f'Malta

***Fis-27 ta' Mejju 1924 id-Driegħ ta' San Franġisk Saverju kien miġjub fil-Kappella ta' l-Istitut San Ġużepp f'Santa Venera***

Fuq talba ta' Mons Arċisqof Dom Mauro Caruana, id-Driegħ ta' San Franġisk Saverju kien inġieb Malta minn Sqallija. Dak iż-żmien id-Driegħ ta' San Franġisk Saverju, Padrun tal-Missjonijiet u Appostlu ta' l-Indja, kien fuq żjara fi Sqallija.

Qabel il-wasla tar-relikwija kienu saru ħafna preparamenti fil-Parroċċi kollha ta' Malta. Tqassmu santi tar-relikwija, dommi u bijografiji ta'. San Franġisk Saverju, u kien hemm entużjażmu kbir għall-wasla tar-relikwija.

Fis-7 ta' filgħodu ta' nhar is-26 ta' Mejju 1924, il-vapur *Ljubljana* imżejjen b'ħafna bnadar, fosthom dik Maltija u tal-Papa, daħal fil-Port il-Kbir, fost spettaklu sabiħ. Is-swar li jħarsu lejn il-Port il-Kbir kienu miżgħuda bin-nies li marru jagħtu l-merħba tagħhom lir-relikwija. Madwar il-vapur kien hemm għadd kbir ta' dgħajjes li ħarġu biex jakumpanjawh. Il-vapur trakka mal-moll tad-Dwana.

Biex jilqgħu d-Driegħ, id-Dwana kien hemm l-Awtoritajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi. Il-Provinċjal tal-Ġiżwiti li kellu taħt il-ħarsien tiegħu r-relikwija, ikkonsenja r-relikwija lill-Mons Arċisqof Dom Mauro Caruana. Mid-Dwana fforma korteo u r-relikwija ttieħdet fil-Knisja tal-Ġiżwiti fi Triq il-Merkanti, l-Belt. Imbagħad l-Arċisqof wassal ir-relikwija sal-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, u wassal id-Driegħ sa fuq l-artal maġġur, fost folol kbar li mlew dak it-tempju monumentali.

Dak inhar stess, wara nofs inhar id-Driegħ ittieħdet fl-isptarijiet u f'xi djar tal-Morda. Ħaġa sinifikanti ħafna kienet il-laqgħa tar-relikwija li kellha mal-komunità Indjana f'Malta li għarfu lil San Franġisk Saverju bħala l-missier u benefattur spiritwali tagħhom.

L-aħħar spettaklu ta' fidi kien sar f'purċissjoni fis-6.00 ta' wara nofsinhar, minn San Ġwann għal fuq il-Fosos tal-Furjana. F'dik il-purċissjoni l-Arċisqof żamm ir-Relikwija. Matul it-Triq in-nies iċċapċap u xita ta' fjuri. Djar u ħwienet kienu żżejnu f'atmosfera ta' festa. In-nies inġabret fuq il-Fosos tal-

Furjana. Mons. Arċisqof ta l-Barka. Dik il-lejla fil-Belt saret mixgħela ġenerali. Ir-relikwija twasslet lura fil-Katidral ta' San Ġwann, għall-ħabta tal-11.00p.m., meta l-Arċisqof ta l-aħħar benedizzjoni fi tmiem ta' manifestazzjoni grandjuża.

Matul il-tmint ijiem li d-Driegħ kienet f'Malta, ittieħdet f'diversi bliet u rħula. Kullimkien ġiet milqugħa b'entużjażmu kbir. Fis-27 ta' Mejju 1924, kienet ġurnata importanti għas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Ir-relikwija tad-Driegħ ta' San Franġisk Saverju, Padrun tal-Missjonijiet waqfet fil-Knisja tad-Dar ta' San Ġużepp f'Santa Venera, u ġiet esposta għall-qima ta' kulħadd, fuq l-altar maġġur. L-Isqof ta' Malta, Dom Mauro Caruana stess, kien ikkonsagra dak l-artal maġġur (il-qadim li kien ġie maqlugħ) nhar l-14 ta' Mejju 1916.

Ir-relikwija kienet ittieħdet, kif kien xieraq, fuq żjara qasira f'Għawdex ukoll, meta mbagħad fit-2 ta' Ġunju 1924, bdiet il-vjaġġ tagħha lura lejn Katanja.

*Joseph Giorgio*
*Ħal Qormi*

Looking for Something Special?

Fantasia

Exquisitely for you...

Seasonal Home Decorations,
Gifts & Souveniers for All Occasions

18, Triq Misrah il-Barrieri, Sta Venera HMR 11 • Tel 2 144 03 47